

Brussell, 22 ta' Novembru 2021  
(OR. en)

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0136(COD)**

---

---

13806/1/21  
REV 1

**LIMITE**

**TELECOM 414  
COMPET 803  
MI 832  
DATAPROTECT 255  
JAI 1211  
CODEC 1458**

**NOTA**

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9471/21
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea - Rapport ta' progress

---

**I. INTRODUZZJONI**

1. Il-Kummissjoni adottat il-proposta għal Regolament dwar Identità Diġitali Ewropea (eID Ewropea) fit-3 ta' Ġunju 2021<sup>1</sup>. L-inizjattiva temenda r-Regolament eIDAS tal-2014<sup>2</sup>, li kien stabbilixxa l-pedamenti meħtieġa għal aċċess sikur għas-servizzi u t-twettiq ta' tranżazzjonijiet online u transkonfinali fl-UE.

---

<sup>1</sup> dok. 9471/21.

<sup>2</sup> [REGOLAMENT \(UE\) Nru 910/2014](#).

2. Il-proposta, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE, tirrikjedi li l-Istati Membri joħorġu Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali taħt skema ta' eID notifikata, mibnija fuq standards tekniċi komuni u wara valutazzjoni obbligatorja tal-konformità mill-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni u bbażata fuq ċertifikazzjoni skont l-oqfsa Ewropej ta' ċertifikazzjoni ta' ċibersigurtà u tal-GDPR. Sabiex tiġi stabbilita l-arkitettura teknika meħtieġa, titħaffef l-implimentazzjoni tar-Regolament rivedut, jiġu pprovduti linji gwida lill-Istati Membri u tiġi evitata l-frammentazzjoni, il-proposta kienet akkumpanjata minn Rakkomandazzjoni għall-iżvilupp ta' Sett ta' Għodod tal-Unjoni.

B'mod aktar speċifiku, ir-Regolament propost għandu l-għan li jipprovdi aċċess universali għan-nies u n-negozji għal identifikazzjoni u awtentikazzjoni elettronika siguri u affidabbli permezz ta' kartiera diġitali personali fuq il-mobile. Din il-kartiera ser tkun tista' tintuża b'mod wiesa' għall-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni. Din għandha tiġi rikonoxxuta fis-settur pubbliku madwar l-UE kif ukoll mill-fornituri privati tas-servizzi li jeħtieġu awtentikazzjoni b'saħħitha tal-utent u minn pjattaformi online kbar ħafna. Fornituri privati oħra tas-servizzi huma mħeġġa jirrikonoxxu il-kartiera permezz ta' miżuri regolatorji volontarji. Il-proposta tobbliga wkoll lill-Istati Membri jinnotifikaw skema ta' identifikazzjoni elettronika, filwaqt li jiżguraw li l-Ekosistema Ewropea tal-Identità Diġitali tkun tista' tiddependi fuq id-disponibbiltà ta' mezzi affidabbli u siguri ħafna għall-onboarding. Il-proposta tawtorizza l-użu ta' soluzzjonijiet ta' identità diġitali u toħloq qafas legali u pjattaforma teknika għall-iskambju ta' attributi u kredenzjali marbuta mal-identità. Il-proposta tipprevedi l-kontroll mill-utenti u l-protezzjoni tad-data tagħhom u l-kondiviżjoni mmirata ta' data dwar l-identità limitata għall-ħtiġijiet tas-servizz speċifiku mitlub. Il-proposta tiżgura wkoll kundizzjonijiet ugwali għall-forniment u s-superviżjoni ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati fl-UE.

3. Fil-Parlament Ewropew, il-proposta ġiet assenjata lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE). Ir-rapporteur għall-fajl hija Romana Jerković (S&D, Kroazja). Il-Kumitat ITRE għadu ma adottax ir-rapport tiegħu.

4. Fil-15 ta' Lulju 2021, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew intalab jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta, li sussegwentement ingħatat fl-20 ta' Ottubru 2021. Il-Kumitat Ewropew tar-Regiuni spontanjament ħareġ opinjoni dwar il-proposta fit-12 ta' Ottubru 2021.
5. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni dwar il-proposta fit-28 ta' Lulju 2021.

## **II. ĦIDMA FIL-KUNSILL**

6. Fil-Kunsill, l-eżami tal-proposta sar mill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Telekomunikazzjoni u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni (minn hawn 'il quddiem: il-Grupp ta' Ħidma TELECOM). Wara sessjoni ta' ħidma introduttorja fis-17 ta' April dwar ir-reviżjoni tar-Regolament eIDAS, il-Grupp ta' Ħidma TELECOM beda jiddiskuti l-proposta taħt il-Presidenza Portugiża matul żewġ laqgħat f'Ġunju, fejn saru l-ewwel skambji fost id-delegazzjonijiet. L-Istati Membri laqgħu l-proposta tajjeb u l-livell ta' ambizzjoni tagħha ġie mfaħħar. Minħabba l-kumplessità tal-fajl, ġie rakkomandat approċċ gradwali u l-mistoqsijiet kienu l-aktar dwar l-obbligi tal-Istati Membri, l-involviment tas-settur privat, kif ukoll l-opportunitajiet ta' finanzjament. Saret ukoll diskussjoni dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt taħt il-Presidenza Portugiża.
7. L-analiżi tal-proposta kompliet fil-Grupp ta' Ħidma TELECOM taħt il-Presidenza Slovena matul il-laqgħat li saru fl-20 ta' Lulju, fit-13 u t-28 ta' Settembru, u fid-19 ta' Ottubru 2021, bl-ewwel qari jiġi konkluż b'suċċess fil-15 ta' Novembru 2021.

8. F'**Lulju** xi delegazzjonijiet esprimew tħassib dwar l-iskadenzi stretti għall-implimentazzjoni teknika stabbiliti mill-Kummissjoni u l-interazzjoni ma' leġislazzjoni oħra, b'mod partikolari r-Regolament dwar il-Gateway Diġitali Unika u l-Prinċipju ta' Darba Biss. Barra minn hekk, tqajmu xi mistoqsijiet dwar il-protezzjoni tad-data, u xi riżervi, minħabba tħassib rigward il-fattibbiltà tal-livell ta' sigurtà "għoli" intenzjonat.

Il-Kummissjoni aġġornat regolarment lill-Grupp ta' Ħidma TELECOM dwar il-progress skont ir-Rakkomandazzjoni għall-iżvilupp ta' Sett ta' Għodod tal-Unjoni.

9. Il-laqgħa tat-13 ta' **Settembru** kienet iddedikata għall-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali, b'mistoqsijiet mid-delegazzjonijiet dwar l-obbligi għall-partijiet involuti u l-interazzjoni tar-Regolament propost mal-GDPR u l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà. Saru diversi rimarki dwar il-formulazzjoni użata fid-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar il-karatteristiċi ta' sigurtà tal-Kartiera, l-identifikazzjoni unika, u ċ-ċertifikazzjoni tal-iskemi tal-eID.

Id-diskussjoni dwar il-Kartieri komplet fit-28 ta' Settembru b'enfasi fuq ir-rikonoxximent transkonfinali, kwistjonijiet ta' responsabbiltà, superviżjoni, u ċerti rekwiżiti ta' superviżjoni taċ-ċibersigurtà li issa jaqgħu taħt id-Direttiva NIS2. Xi delegazzjonijiet esprimew tħassib li l-interazzjoni bejn il-proposta u d-Direttiva NIS2 tista' toħloq konfużjoni dwar liema awtoritajiet ikunu kompetenti taħt liema reġim. Sar dibattitu wkoll dwar it-tqabbil tal-identità, peress li l-adozzjoni ta' identifikaturi uniċi u persistenti dehret potenzjalment problematika għal xi delegazzjonijiet. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għet mistoqsija dwar l-użu ta' atti delegati biex testendi d-dipendenza obligatorja fuq il-kartiera għal setturi oħra.

10. Il-laqgħa tad-19 ta' **Ottubru** kienet iddedikata għal aktar aspetti tekniċi marbuta mal-emendi proposti taħt il-kapitolu dwar is-servizzi fiduċjarji, jiġifieri dwar il-firem elettroniċi, is-siġilli elettroniċi, it-timbri tal-ħin elettroniċi, is-servizzi elettroniċi ta' konsenja rreġistrati u l-awtentikazzjoni tas-siti web. Għe mtenni xi tħassib marbut mat-trasferiment ta' elementi taċ-ċibersigurtà għad-Direttiva NIS2. Matul din il-laqgħa, il-Kummissjoni pprovdiet kjarifiki u spjegazzjonijiet addizzjonali dwar l-interazzjoni bejn l-NIS2 u l-eIDAS u kif, fil-fehma tal-Kummissjoni, it-tħassib imqajjem għe indirizzat kemm mill-proposta tal-NIS2 (permezz ta' dispożizzjonijiet u premessi ddedikati - u testi ta' kompromess sussegwenti diskussi fil-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar kwistjonijiet ċibernetiċi) kif ukoll mir-rieżami tal-eIDAS (ukoll permezz ta' premessi u dispożizzjonijiet dedikati).
11. L-ewwel qari tal-abbozz ta' Regolament għe konkluż fil-15 ta' **Novembru** 2021, wara xi talbiet għal kjarifika dwar l-attestazzjoni elettronika ta' attributi, servizzi ta' arkivjar elettroniku, reġistri elettroniċi u dispożizzjonijiet finali. In-nuqqas ta' dispożizzjonijiet dwar sanzjonijiet fil-proposta għal nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-awtentikazzjoni tas-siti web għe indikat bħala li jdghajjed l-infurzar. Fir-rigward tal-attestazzjonijiet tal-attributi, id-delegazzjonijiet enfasizzaw ukoll il-ħtieġa li tiġi rispettata l-istruttura tal-kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali u l-politiki nazzjonali dwar l-aċċess għar-reġistri. Fl-aħħar nett, kien hemm mistoqsijiet dwar il-għbir tad-data għal finijiet ta' statistika u xi tħassib dwar piż amministrattiv potenzjalment akbar għall-awtoritajiet nazzjonali.
12. Diversi kummenti u suġġerimenti ta' abbozzar għe ipprovduti mid-delegazzjonijiet sa mill-bidu tal-analiżi u bejn il-laqgħat. Madankollu, minkejja l-progress li sar permezz ta' eżami bir-reqqa u komplut tat-test, ma kienx hemm biżżejjed żmien biex isir kwalunkwe eżerċizzju ta' abbozzar taħt il-Presidenza Slovena.  
Madankollu, id-delegazzjonijiet jistgħu jiġu mistiedna jipprovdut kummenti uffiċjali qabel tmiem is-sena. Kemm il-kontributi mhux mitluba kif ukoll dawk mitluba mid-delegazzjonijiet li saru matul l-eżami tal-fajl sa issa ser jikkostitwixxu bażi għall-eżerċizzju ta' abbozzar li għandu jibda taħt il-Presidenza Franċiża.

### III. KONKLUŻJONI

13. Il-COREPER huwa mistieden jieħu nota ta' dan ir-rapport ta' progress mill-Presidenza, bil-ħsieb li jippreżentah lill-Kunsill TTE Telekomunikazzjoni fil-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Diċembru 2021.